A.L. 50 ta' l-1988

ATT TA' L-1972 DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB

(ATT NRU. XL TA' L-1972)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iġjene ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tal-Politika Soċjali, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iġjene ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 73 ta' l-1969.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu f'dak il-jum li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Iżid regolament ġdid 29A mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Trasport ta' ħalib pasturizzat eċċ.

29A. (1) Ebda ħalib pasturizzat u ebda rikotta, *yoghurt* jew *fresh cream* li jkunu maħsubin għall-bejgħ jew bħala ingredjent fil-preparazzjoni ta' xi ikel li jkun maħsub għall-bejgħ, ma għandhom jingarru fuq xi vettura jekk mhux skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-vettura għandha tkun vettura magħluqa, miżbugħa bajda, u li jkollha dawn is-sinjali fuq kull naħa laterali, minbarra fuq quddiem u fuq wara: faxx djagonali ta' lewn blu skur, li jkollu wisa' ta' 15-il ċentimetru u li jkun itwal minn metru, li jkun imiss mal-komponenti linejari ta' wara u ta' fuq tan-naħa li tkun; il-wiri b'mod ċar u li jispikka tal-kelma "ĦALIB" fl-ispazju tan-nofs tan-naħa li tkun; u l-isem u l-indirizz li jinqraw faċilment tal-persuna jew ditta li tkun qed tmexxi dak in-negozju skond ir-regolament 21 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) il-ġewwieni tal-vettura għandu jkun kompost minn materjal li ma jikkorrodix bi trufijiet ittundjati bejn in-naħat ta' fuq u l-qiegħa u jkollu dik l-għamla li jista' jitnaddaf faċilment;

(ċ) il-vettura għandha tkun vettura rifriġerata li fiha l-ħażna f'temperatura kontrollata tal-ħalib jew tal-prodott li jkun qed jinġarr, tkun tista' tinżamm f'kull ħin għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Sanitarja;

(d) l-insulazzjoni tal-vettura għandha tkun tali li t-temperatura ġewwa l-vettura ma għandhiex titla' b'iktar minn 3° Ċentigradu f'sitt sigħat meta s-sistema rifriġerattiva tkun mitfija;

(e) it-tagħmir u l-apparat kollu li jkun hemm fis-sistema rifriġerattiva għandu jkun ta' materjal li ma jikkorrodix u s-sistema rifriġerattiva għandha minn barra titgħammar b'mod tali li t-temperatura tkun tista' tinqara faċilment.

(2) Ebda vettura użata għall-ġarr ta' ħalib pasturizzat, rikotta, *yoghurt* u *fresh cream* ma għandha tintuża għal xi skop ieħor ikun liema jkun.

(3) Għall-fini ta' dan ir-regolament, "il-ħażna f'temperatura kontrollata" tfisser il-ħażna jew il-ġarr tal-ħalib jew tal-prodott f'temperatura li ma tkunx taqbeż il-5°Ċentigradu.".